Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **10 ta' Ġunju 2021**

**Tliet attivitajiet eċċitanti minn Heritage Malta għall-Jiem Ewropej tal-Arkeoloġija**

Heritage Malta se tieħu sehem fil-Jiem Ewropej tal-Arkeoloġija – li jsiru fis-47 pajjiż imsieħba fil-Kunsill tal-Ewropa – permezz ta' tliet attivitajiet eċċitanti bejn it-18 u l-21 ta' Ġunju. Se jkun hemm żjarat gwidati li jiċċelebraw is-Solstizju tas-Sajf, sessjonijiet informali ta' mistoqsijiet u tweġibiet ma' kuratriċi, kif ukoll il-ftuħ speċjali tal-Katakombi ta' Santu Wistin.

Iż-żjarat gwidati fl-okkażjoni tas-Solstizju tas-Sajf se jsiru mas-sebħ fl-Imnajdra u Ħaġar Qim. Iż-żjarat fl-Imnajdra jkunu fid-19, fl-20 u fil-21 ta' Ġunju, filwaqt li dawk f'Ħaġar Qim se jsiru fl-20 u fil-21 ta' Ġunju. Fiż-żewġ każijiet, il-viżitaturi jkunu jistgħu jammiraw l-ispettaklu annwali tal-ewwel raġġi tax-xemx iħabbru l-bidu ta' sajf ieħor.

Il-biljetti għall-Imnajdra jiswew €30 l-wieħed, bi prezz imraħħas ta' €20 għall-membri ta' Heritage Malta. Għaż-żjarat f'Ħaġar Qim, il-biljetti jiswew €25 l-wieħed u €15 għall-membri. Dawk li se jixtru l-biljetti għandhom jinġabru fil-5:30am barra ċ-Ċentru tal-Viżitaturi ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra.

Is-sessjonijiet informali ta' mistoqsijiet u tweġibiet se jsiru l-Ġimgħa 18 ta' Ġunju fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija. F'dawn is-sessjonijiet, bl-isem 'Staqsi lill-Kuratur', il-Kuratriċi tal-mużew, Sharon Sultana, se twieġeb il-mistoqsijiet li jsirulha mill-parteċipanti huma u jaraw artefatti mill-perjodu Neolitiku Malti u jżuru wkoll il-wirja tal-kranji li kienu nstabu fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni u li bħalissa huma esebiti fil-Mużew tal-Arkeoloġija.

Se jsiru żewġ sessjonijiet – waħda bil-Malti fl-10am u oħra bl-Ingliż fis-2pm. Il-biljetti jiswew €5 l-wieħed.

Il-ftuħ speċjali tal-Katakombi ta' Santu Wistin se jsir il-Ħadd 20 ta' Ġunju. Din se tkun opportunità mhux ta' min jitlifha, billi dan is-sit normalment ma jkunx miftuħ għall-pubbliku. Il-Katakombi ta' Santu Wistin, tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-Katakombi ta' San Pawl fir-Rabat, huma ġemgħa ta' ipoġej żgħar li jinfdu ma' xulxin u li kull wieħed minnhom għandu l-karatteristiċi distinti tiegħu.

Se jsiru żewġ żjarat fil-katakombi – waħda fejn il-gwida jitkellem bil-Malti, fl-10am, u oħra bl-Ingliż f'nofsinhar. Il-biljetti jiswew €5 l-wieħed.

Il-biljetti għall-attivitajiet tal-Jiem Ewropej tal-Arkeoloġija jinxtraw mis-siti u l-mużewijiet kollha ta' Heritage Malta kif ukoll mis-sit www.heritagemalta.org. Minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid-19, in-numru ta' biljetti għal kull attività hu limitat ħafna u hu essenzjali li wieħed jibbukkja minn qabel. Il-parteċipanti kollha jridu jilbsu maskra u jirrispettaw ir-regolamenti tad-distanza soċjali.

Il-Jiem Ewropej tal-Arkeoloġija f'Malta huma kkordinati mis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali (SCH/SWK)